MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Numru. 286/2002

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
PAUL MICALLEF

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Micallef ta’ 35 sena, bin Frankie u Mary nee Aquilina, imwieled Sliema fl-24 ta’ Ottubru 1966, residenti fl-indirizz Petunia, 92, Triq il-Parilja Santa Venera detentur tal-karta tal-identita numru 452266M talli fl-1 ta’ Novembru 2001 u f’dati precedenti, f’dawn il-gzejjer, ghamel uzu xjentement, ta’ marki, sinjali, tabelli jew emblemi DIESEL, li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija b’din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhal deskrizzjoni kummercjali falza, jew biegh, zamm jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbha, bi ksur tal-artiklu 298(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, lok, hn u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikoli jew hwejjeg u cioe hwejjeg bil-marka DIESEL, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur ta’ persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha, bi ksur ta’ l-artiklu 298B tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’hekk jitqies li opera minghajr licenzja tal-pulizija ghat-termini ta’ l-Avviz Legali 120 ta’ l-1992.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat in-nomina u ir-relazzjoni tal-espert Martin Bajada.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-pulizija rceviet kwerela mid-ditta RACA Limited, agenti tal-hwejjeg Diesel u gew infurmati illi Top Shop, Triq San Tumas Furjana qieghed jbiegh hwejjeg tal-marka DIESEL li kienu foloz.

Illi ghalhekk PC274 Gauci u PC824 Mercieca accedew f’dan il-hanut u sabu sitt tops tad-diesel. Illi Vella, sid il-hanut, xhedet illi xtrathom minghand l-imputat ghal prezz ta’ Lm4.80 u hi kienet tbieghhom Lm7.95.

Illi fis-7 ta’ Novembru 2001 il-pulizija ghamlu inspezzjoni f’Micallef General Trading, St Paul’s Street St Paul’s Bay u ma sabu xejn min dawn il-hwejjeg.

Illi Paul Micallef rrilaxxa stqarrija fejn kkonferma illi kien biegh dawn is-sitt tops lil Vella u li dawn it-tops kienu gew

ma konsenja ta’ elf bicca hwejjeg min barra u li ma kellu ebda idea li kienu foloz. (Ara dok JC2).

Illi l-ufficjal prosekutur a fol 11 xehed illi ghalih dawk it-tops kienu foloz ghaliex ma kellhomx label tad-DIESEL fuq il-flokk.

John Richards a fol 24 et seq, mill-Industrial Property Office kkonferma it-trade mark Dok JR1 sa 14 waqt li Leonard Cassar a fol 27 rappresentant tad-Ditta konferma il-kwerela. Din giet esebita min Dr Philip Manduca a fol 48.

Il-Qorti imbaghad rat ir-relazzjoni tal-Espert Martin Bajada li sab illi t-T Shirts kienu kollha non Compliant – cioe mhux originali.

Illi min-naha l-ohra l-imputat fix-xhieda tieghu qal illi huwa xtara lot hwejjeg minn Sqallija minn negozju Prima Moda. Il-maniera tax-xiri kienet permezz ta’ kampjuni li kienu juru prints fuq T Shirts. Illi l-prints li ra hu kienu New York, London u kliem simili. Xhed illi meta waslet il-merkanzija kien hemm sitt flokkijiet li kellhom DIESEL stampat fuqhom.

Dawn il-flokkijiet bieghhom lil hanut il-Furjana fejn gew misjuba mill-pulizija

Ili l-imputat xhed illi huwa ma kienx jaf illi dawk kienu foloz u li huwa ma jinnegozzjax bi brand names u li wara li gara il-kaz huwa kkomunika ma min kien xtrahom.

Ikkunsidrat:-

Ili bla dubbju ta’ xejn jirrizulta pprovat bla dubbju dettat mir-raguni illi dawn it-T Shirts kienu foloz – cioe mhux originali.

Illi il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-istqarrija tal-imputat kif wkoll ix-xhieda tieghu ma tistax tasal ghal konkluzzjoni ili l-imputat pprova “on a balance of probability” id-difiza tieghu.

Dan qieghed jinghad ghaliex l-imputat qieghed fil-kummerc, qieghed fil-kummerc ta' tessuti u ghalhekk ghandu jkun jaf jindividwalizza min seba mili boghod dak li kien originali u dak li kien falz aktar u aktar meta bhal kaz odjern, il-falsita hija tali li tista tigi accertata min ezami semplicissimu – u cioe ezami mhux tal-label imma ghal presenza ta' label.

Illi din il-Qorti pero apprezzat illi l-kawza si tratta ta' sitt T Shirts u ghalhekk il-piena trid tirrifletti wkoll l-entita tal-kaz.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 298 (1)(b), 21, 533 tal-kap 9 u tikkundannah jhallas multa ta' Lm100 u l-ispejjez inkorsi fil-perizja f'dan il-kaz waqt li tordna il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------